



Brussell, 28 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

12362/20

**DRS 29  
ECOFIN 973  
EF 264**

### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn: Kummissjoni Ewropea

data meta waslet: 27 ta' Ottubru 2020

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: D 069602/01

---

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-  
Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards  
internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002  
tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Istandard Internazzjonali  
tal-Kontabilità 39 u l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju  
4, 7, 9 u 16

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument D 069602/01.

---

Mehmuż: D 069602/01



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, **XXX**  
[...] (2020) **XXX** draft

**D069602/01**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) ....**

**ta' **XXX****

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Isstandard Internazzjonali tal-Kontabilità 39 u l-Isstands Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 4, 7, 9 u 16**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' XXX**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità 39 u l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 4, 7, 9 u 16**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008<sup>2</sup> ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.
- (2) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja ppubblika r-rapport “Reforming Major Interest Rate Benchmarks”, li stabbilixxa rakkmandazzjonijiet biex jissaħħu l-parametri referenzjarji eżistenti u rati ta' referenza potenzjali oħra bbażati fuq is-swieq interbankarji u biex jiġu żviluppati rati ta' referenza alternattivi kważi mingħajr riskju.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> introduċa qafas komuni biex tīgi żgurata l-preċiżjoni u l-integrità tal-indiċijiet użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji, jew biex titkejjel il-prestazzjoni tal-fondi tal-investimenti fl-Unjoni.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/34<sup>4</sup> jipprovd i-eżenzjonijiet temporanji u limitati għar-rekwiżi tal-kontabilità għall-iħħeġġjar skont l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 39 *Strumenti Finanzjarji: Rikonoximent u Kejl* u l-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 9 *Strumenti Finanzjarji* biex

<sup>1</sup> ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indicj użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investimenti u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/34 tal-15 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità 39, l-Istandards Internazzjonali għar-Rappurtar Finanzjarju 7 u 9 (ĠU L 12, 16.1.2020, p. 5).

jindirizza l-konsegwenzi tar-rappurtar finanzjarju tar-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rati tal-imgħax qabel is-sostituzzjoni ta' parametru referenzjarju tar-rati tal-imgħax eżistenti.

- (5) Fis-27 ta' Awwissu 2020, il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà ppubblika "Interest Rate Benchmark Reform - Phase 2 - Amendments to IFRS 9, IAS 39, IFRS 7, IFRS 4 and IFRS 16" biex jindirizza l-konsegwenzi tar-rappurtar finanzjarju tas-sostituzzjoni attwali ta' parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax eżistenti b'rati ta' referenza alternattivi.
- (6) Dawn l-emendi jipprevedu trattament kontabilistiku speċifiku biex jinfirxu l-bidliet fil-valur tal-strumenti finanzjarji jew il-kuntratti ta' lokazzjoni minħabba s-sostituzzjoni tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax maż-żmien, li jipprevjeni impatt f'daqqa fuq il-Profiti jew it-Telf, u jipprevjeni diskontinwità bla bżonn tar-relazzjonijiet tal-iħħeġġjar b'konsegwenza tas-sostituzzjoni tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax.
- (7) Wara l-konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-emendi għall-IAS 39 *Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl*, l-IFRS 4 *Kuntratti tal-Assigurazzjoni*, l-IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar*, l-IFRS 9 *Strumenti Finanzjarji* u l-IFRS 16 *Kuntratti ta' kera* jissodisfaw il-kriterji għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità,

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 huwa emendat kif ġej:

- (a) l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 39 *Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (b) l-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) 4 *Kuntratti tal-Assigurazzjoni* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (c) IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (d) l-IFRS 9 *Strumenti Finanzjarji* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (e) l-IFRS 16 *Kuntratti ta' kera* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

#### *Artikolu 2*

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemmija fl-Artikolu 1, mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2021 jew wara.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula Von Der Leyen*